II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2021 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tad-29 ta' Ġunju 2021

biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi [2021/1330]

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]),

Billi:

(1) L-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([2]) (il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") jiddikjara li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jista' jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE.

(2) Fid-39 sessjoni tiegħu li saret fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2014 f'Nairobi, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE qabel, f'Dikjarazzjoni Konġunta, li jipproċedi bl-għeluq ordnat taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI). Għal dak il-għan, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE iddeċieda li jagħti delega ta' setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex imexxi l-kwistjoni 'l quddiem bil-ħsieb li jadotta d-deċiżjonijiet neċessarji.

(3) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE adotta d-Deċiżjoni Nru 3/2016 ([3]) li temenda l-Anness III għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, sabiex isir it-tibdil neċessarju, jiġi stabbilit il-qafas legali l-ġdid taċ-ĊŻI mill-1 ta' Jannar 2017, u tinżamm il-personalità ġuridika taċ-ĊŻI, biss għall-finijiet tal-likwidazzjoni tiegħu, minn dik id-data.

(4) Skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2016, Kuratur għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-faži passiva, li matula ċ-ĊŻI għandu jeżisti biss għall-finijiet tal-likwidazzjoni tiegħu, mill-1 ta' Jannar 2017 għal perijodu ta' 4 snin jew sakemm iċ-ĊŻI jkun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu, skont liema jseħħ l-ewwel.

(5) Sal-31 ta' Diċembru 2020, iċ-ĊŻI kien għadu ma saldax l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u ma rrealizzax l-assi kollha tiegħu. Għalhekk huwa neċessarju li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2016 biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-faži passiva taħt il-ġestjoni tal-Kuratur u biex dik il-faži tingħalaq. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-faži passiva, l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2016 jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021,

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

([2]) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-12 ta' Lulju 2016 rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2016/1163] (ĠU L 192, 16.7.2016 p. 77).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkuntratta Kuratur biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-faži passiva mill-1 ta' Jannar 2017 sakemm iċ-ĊŻI ikun salda l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u rrealizza l-assi kollha tiegħu.".

Artikolu 2

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-UE
Mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE
Il-President
Moses Kouni MOSE